

# X'Gara Ħamsin Sena ilu f'Birkirkara"

***Jikteb Frans Pullicino***

Fl-kwistjoni li nqalgħet bejn il-poplu Karkariż u l-kurja ta' Malta, biex niddefendu d-drittijiet tagħna, bis-saħħa tas-soċjeta Filippu Borgia, hawnhekk f'Birkirkara kellna 14-il sena bla ma ċċelebrajna l-festa, fejn il-festa Santa Liena ma nżammitx għal 14-il sena sħaħ, għalhekk l-istatwa tal-patruna tagħna baqgħet 14-il sena ġewwa l-knisja. Iżda ħamsin sena ilu sar il-ftehim u d-drittijiet tal-kolleġjata tagħna, hekk kif imħollija f'kuntratt uffiċjali mill-wisq nobbli Dun Filippu Borgia, ġew milqugħa u l-Knisja Arċipretali tagħna ġiet mgħollija għall-ġieh u t-titlu ta' Bażilika. Kien nhar Santu Kruċ, 3 ta'Mejju ta' ħamsin sena ilu, li l-istatwa Sant'Elena xirfet fil-bieb prinċipali biex iddur fit-toroq ewlenin ta' Birkirkara. Daqq ta' qniepen bin-noti ferrieħa tagħhom, ċapċip ta' folla enormi u entużjażmu ma jaqta' xejn laqgħu lill-istatwa hekk kif dehret il-bieb tal-Bażilika għall-ewwel darba wara 14-il sena. Daqqew iż-żewġ baned Karkariżi, il-Banda Duke of Connaught, u dik tagħna, Banda Sant'Elena. Il-folla kbira bdew jgħajjtu u jkantaw 'Dawk Tagħna... dawk tagħna.. u Evviva l-Arċisqof'. L-istatwa ħarġet qalb il-folla, u kien hemm min beda jibki bil-ferħ u jgħanni sunetti. L-istatwa Sant'Elena bdiet iddur fit-toroq u meta waslet ħdejn il-knisja ż-żgħira ta' Sant'Antnin, ftit il-fuq mill-għassa, bdew neżlin qtar ta' xita. Ġie mwassal il-kapitlu sal-kolleġjata/Bażilika, u l-istatwa daħlet ġewwa fost iċ-ċapċip ma jaqtax tal-poplu Karkariż sodisfatt. Il-President tal-banda tagħna, li dak iż-żmien, kien in-Nutar Joseph Gatt, li kien ukoll il-President ta' Filippu Borgia, ġie mistieden biex jagħmel kelmtejn ta' l-okkażżjoni. Wara wieġeb l-Arċisqof Mikiel Gonzi li ndirizza lill-ġemgħa miġbura quddiemu, billi nforma li issa reġa' kolox għan-normal. Wara li spiċċat il-funzjoni tal-knisja, l-Arċisqof, il-Kapitlu Elenja, membri tas-soċjeta Filippu Borgia, membri tal-kumitat taż-żewġ baned ġew mistiedna għar-riċeviment li sar fl-Awla Kapitolari. Wara li spiċċa kollox, Mons Arċisqof Mikiel Gonzi ġie mwassal sal-bieb tal-knisja fejn sab folla kbira tistennih biex tagħmillu dimostrazzjoni u tirringrazzjah talli reġa ġab il-paċi f'Birkirkara. Saret dimostrazzjoni mill-iktar kommoventi fejn l-Arċisqof kien imdawwar bil-fjuri fejn kien fuq karrozzella miġbuda mill-poplu Karkariż fost it-tixjir tal-bnadar, u d-daqq ferrieħ taż-żewġ baned Karkariżi. Id-dimostrazzjoni għaddiet minn Triq il-Kbira, għall-Wied ta' Birkirkara fejn spiċċat fi Fleur-de-Lys.

Ngħaddi issa biex nagħti tagħrif dwar l-ewwel festa Sant' Elena, f'Awissu ta' ħamsin sena ilu, wara nuqqas ta' 14-il sena. Ġie miftiehem li l-festa ta' l-1950 issir fil-għaxija, eżatt Ħadd wara it-18 ta' Awissu. L-ewwel darba li l-festa saret fil-għaxija kien fl-1928, meta saru festi ċentinarji tal-patruna f'Birkirkara. Fis-sena 1059, nhar is-17 u t-18 t'Awissu, kienet ġiet mistiedna l-banda San Ġiljan, taħt is-surmast Angelo Pullicino li kien assistant surmast ukoll tal-banda tagħna.

Flimkien mas-sehem taż-żewġ baned Karkariżi.

---

Waslet lejliet il-festa, Nhar is-Sibt 19 t'Awissu tas-sena 1950. Fis-7.00 ta' fil-għodu Mons. Emanuel Vella, prepostu ta' Birkirkara, qaddes quddiesa kantata u hemmhekk wara d-diskors tiegħu u ta' oħrajn li saru, Mons. Vella tela' fuq is-sellum biex ilibbes lill-istatwa bil-kuruna tagħha, bħala Imperatriċi Awgusta. Mons Prepostu kompla libbes l-istatwa biċ-ċinturin tal-filigranu u s-sandli, u wara tkanta t-Te Deum, u l-'Manum Suam'. Mal-waqfien tal-qniepen, il-banda tagħna Sant'Elena bdiet iddoqq l-innu tagħha u kompliet bil-marċi mat-toroq prinċipali. Mal-wasla tal-banda quddiem id-Domus Curialis -jew aħjar quddiem id-dar tal-Prepostu fi Triq il-

Kbira - ħareġ il-Prepostu Mons. Emanuel Vella liebes is-salib pettorali fuq sidru, fejn ġie merfugħ mill-Karkariżi waqt li l-banda reġgħet daqqet l-innu tal-patruna. Wara l-bandisti ġew mistiedna fid-dar tal-Prepostu għall-bibita u wara l-banda kompliet bil-marċi tagħha sal-każin fejn intemm il-marċ.

Lejlietha fil-għaxija mbagħad ġew mistiedna l-baned Santa Katarina taż-Żurrieq u dik Sliema, li daqqew fit-toroq prinċipali. Il-Banda tagħna ħadet sehem fil-marċ u wara esegwiet programm mużikali fil-pjazza minn fuq il-planċier tagħha, taħt id-direzzjoni tas-surmast direttur tagħna, Mro Kavallier Ġużeppi Busuttil, ix-xogħol mużikali tiegħu stess kompost fl-1928, INNO DI GLORIA A SANT'ELENA IMPERATRICE AUGUSTA, b'versi tal-kavallier Ġużè Dimech Debono.

Sebaħ il-Ħadd 20 t'Awissu, ġurnata b'ġurnata kif se taħbat il-festa dis-sena, Jum il-Festa tal-patruna. L-ispirtu festiv kien kbir bil-bosta, u barra mill-armar tal-festa kont tara ma kullimkien gallerijiet mżejjna b'xi biċċa dam-ask bil-kwadru tal-patruna, u xi bozoz żgħar mixgħula. Il-bjut kienu miżgħuda bil-bnadar mill-isbaħ li juru l-figura tal-qaddisa, jew l-emblema ta' Birkirkara, jew tas-salib. Fil-għaxija ħarġet il-purċissjoni.
Il-Banda Karkariża, DUKE OF CONNAUGHT, ħadet sehem fil-purċissjoni b'marċi proċessjonali. Baned oħra li ħadu sehem dak in-nhar fil-għaxija f'dik il-festa kbira kienu l-baned 'Żejtun' taż-Żejtun, De Paule tar-Raħal il-Ġdid, il-Banda Piju X ta' Ħal Lija u ż-żewġ baned beltin King's Own u La Vallette. L-istatwa dahret mat-toroq ewlenin ta'Birkirkara fost l-entużjażmu tal-folla massiċċa. Qabel l-istatwa daħlet lura fil-Parroċċa, il-Banda Duke of Connaught daqqet l-innu tagħha. L-istatwa daħlet bil-mod il-mod fejn il-poplu Karkariż sellmilha għall-aħħar darba qabel ma daħlet fil-knisja.

Dawn huma l-fatti kif ġraw ħamsin sena ilu, u biex nissiġillaw ftehim ta' l-aħwa li ma jintemm qatt sakemm ir-rieda tajba ta' kulħadd tibqa tirrenja, iż-żewġ kumitati tal-baned tagħna f'dik is-sena speċjali ta' l-għotja tal-bażilika u ta' meta ħarġet l-ewwel darba Santa Liena, għamlu ftehim sod ta' kif għandhom idoqqu dawn iż-żewġ baned, fil-festi ta' kull sena ta' Santa Liena. Ġie miftiehem li fis-sena Żewġ il-banda Sant'Elena tieħu sehem fil-marċ lejlietha fil-għodu u fil-għaxija, imbagħad żdiedet dik tal-ħruġ il-vara min-niċċa, it-Tnejn ta' qabel il-festa, filwaqt li l-banda Duke of Connaught iddoqq fl-aħħar tat-tridu u f'nharha takkumpanja l-istatwa fil-purċissjoni. Fis-sena fard is-servizzi jiġu alternati.

Hekk kellu jkun din is-sena ukoll, iżda ta' aħwa u fost għaqda liema bħalha, iż-żewġ baned ċedew biċċa kull wieħed. Wara diversi laqgħat u quddiem il-prepostu u delegazzjoni mill-kapitlu, kif ukoll is-supretendent, iż-żewġ partijiet din is-sena ftehmu li jċedu biċċa kull wieħed, voldieri l-banda Duke of Connaught hi ukoll tieħu sehem fil-marċ ta' lejlietha, liema marċ se jibda fil-pjazza flimkien miż-żewġ baned u f'nharha, fil-għaxija, fil-purċissjoni jieħdu sehem iż-żewġ baned: Sant'Elena tieħu sehem fil-ħruġ ta' l-istatwa, fejn ukoll l-istatwa se tgħaddi għall-ewwel darba minn quddiem il-każin tagħna, u tkompli l-banda Duke of Connaught, li ukoll tgħaddi l-istatwa minn quddiem il-każin, fejn tikkumpanja sad-dħul fil-knisja.